# ORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Illum 14 ta' Ottubru 2024

**Rik. Gur.Nru.: 16/2024 JPG**

**Kawza nru.: 26**

**RC**

**Vs**

**CC**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' RC datat 16 ta' Jannar 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet zzewgu nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu, tas-sena elfejn u tnax (2012) fil-Knisja Parrokjali taz-Zejtun, u dan kif jirrizulta mic-certificat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala **Dokument A**.*

2. *Illi minn dan iz-zwieg twieldet it-tifla KC,, illi twieldet nhar X u ghalhekk ghadha Minuri.*

**3.** *Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt datat is-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu, tas-sena elfejn u tmintax (2018) fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Vella Haber, kopja annessa u mmarkata bhala **Dokument B.***

4. *Illi ma hemm l-ebda kwistjonijiet rigwardanti arretrati ta' manteniment.*

5. *Illi m' hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-*

*partijiet peress illi l-Partijiet ilhom legalment separati minn xulxin sa mis-sena elfejn u tmintax (2018). In oltre', il-partijiet illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

7. *Illi l-esponenti qieghed jannetti l-affidavit tieghu, ma dan ir-rikors, mmarkat* ***Dokument C****.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onor. Qorti joghgoba:*

A. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A et sequitur tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

B. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Intimata datata 11 ta' April 2024, a fol 17 et seqq., li taqra hekk:

*1.Illi preminarjament, jigi sottomess illi t-talbiet promoturi ghandhom jigu michuda u dana minhabba:*

*i) Ir- rikorrent naqas milli jhallas manteniment ghall-minuri KC kif obbligat illi jhallas skond il-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet u prezentament hemm l-ammont ta' erbatax –il elf (14,000E) pendenti*
*ii) Iz-zieda skont l-indici tal-gholi tal-hajja fuq il-mantentiment kif obbligat ihallas skont il-kuntratt ta' separazzjoni ipprezentat in atti bhala Dok B qatt ma thallsu.*

*Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Rat il-verbal tal-intimata tal-4 ta' Lulju 2024 li permezz tieghu irtirat l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' hlas ta' manteniment stante pagament fil-mori tal-kawza;**

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed (vide xhieda fol 10)** bil-gurament u kkonferma illi il-partijiet izzewgu nhar l-24 ta' Marzu 2012 u li minn dan iz-zwieg kellhom wild wiehed li ghadha minorenni. Iddikjara illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 26 ta' Marzu 2018 fl-atti tan-Nutar Dr Patricia Vella Haber. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni.

**L-intimata xehdet** (vide fol 20) u kkonfermat ir-risposta guramentata taghha u kkonfermat li fil-mori tal-kawza, l-attur hallas il-pendenzi kollha ta' arretrati ta' manteniment u ghaldaqstant hija rtirat l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' hlas ta' manteniment.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma***

*jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-24 ta' Marzu 2012 liema zwieg jgib certifikat numru 421/2012 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg kellhom tifla li illum ghadha minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Vella Haber nhar is-26 ta' Marzu 2018 (Vide fol 4 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw li wara hlas fil-mori tal-kawza gew saldati l-pendenzi kollha ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 421/2012 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jithallsu mill-attur.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**